**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Marzu, 2016**

**Citazzjoni Nru: 11/2014 AF**

**Baketeck Supplies & Services Ltd (C 26797) li fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju 2014, il-Qorti laqghet it-talba ghal korrezzjoni fil-kelma li minflok "Baketeck" din trid taqra "Baketech"**

**vs**

**CaterGroup Limited (C 11654)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-soċjetà Catergroup Ltd (C11654) li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Fit-23 ta' Dicembru 2013, is-socjetà rikorrenti giet notifikata b'ittra ufficjali datata 18 ta' Dicembru 2013, prezentata fil-konfront taghha mis-socjetà Baketech Supplies &

Services Limited (C26797), liema ittra ufficjali hija intiza sabiex tirrendi esegwibbli sitt kambjali kollha datati 15 ta' Dicembru 2010, u li rispettivament immaturaw ghall-hlas fil-15 ta' Gunju 2013, fil-15 ta' Lulju 2013 u fil-15 ta' Awwissu 2013, fil-15 ta' Settembru 2013, fil-15 ta' Ottubru 2013 u fil-15 ta' Novembru 2013, mahruga mis-socjetà rikorrenti favur is-socjetà Baketech Supplies & Services Ltd. Kopja tal-itttra ufficjali u tal-kambjali hija hawn annessa bhala Dokument "A".

Is-socjetà rikorrenti ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 qeghdha topponi ghall-esekuzzjoni tal-istess kambjali ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-kambjali *de quo* inhargu mis-socjetà rikorrenti a favur is-socjetà Baketech Supplies & Services Limited b'rabta ma' bejgh ta' *catering equipment* mibjugh mill-istess Baketech Supplies & Services Limited lis-socjetà rikorrenti, li tiggestixxi n-negozju ta' catering.

2. Tali *catering equipment* kien jinkludi *cutting machine*. Tali *cutting machine* holqot diversi problemi fl-uzu lis-socjetà rikorrenti, liema problemi gew rikonoxxuti mis-socjetà Baketech Supplies & Services Limited, tant li din is-socjetà ippromettiet u obbligat ruhha a favur is-socjetà rikorrenti li tissostitiwiha b'*cutting machine* ohra. Dan jirrizulta konfermat *ictu oculi* mill-anness Dokument "B".

3. Minkejja li s-socjetà Baketech Supplies & Services Limited obbligat ruhha li tipprovdi lis-socjetà rikorrenti *b'cutting machine* ohra flok dik originarjament konsenjata, liema obbligu jmur lura sa almenu Jannar 2013, bhala fatt tali konsenja baqghet ma saritx.

4. Sahansitra, permezz ta' email datata 8 ta' Lulju 2013, is-socjetà Baketech Supplies & Services Ltd, tramite Martha Bellizzi, ipproponiet lis-socjetà rikorrenti illi, flok ma tikkonsenjalha *cutting machine* ohra in sostituzzjoni ta' dik originarjament konsenjata, *to remove the price of the cutting machine from the total contract price so that therefore this is considered as being out of contract. We accept that the price of such machine only is deducted*

*from the ttotal contract price so that you would have no obligation to pay for such machine and we would have no obligation to deliver it*. Is-socjetà rikorrenti izda baqghet tinsisti ghall-konsenja ta' *cutting machine* ohra, kif kienet obbligat ruhha li taghmel is-socjetà intimata (dokti. "C" u "D").

5. Ciò nonostante, is-socjetà Baketech Supplies & Services Ltd. baqghet inadempjenti, u peress li fil-frattemp il-mankanza ta' *cutting machine* li tiffunzjona kif suppost kienet qed tikkawza inkonvenjent u konsegwenti dannu lin-negozju tas-socjetà rikorrenti, din kienet kostretta li permezz ta' ittra legali datata 24 ta' Ottubru 2013, tinforma lil dik is-socjetà illi *bla pregudizzju, il-klijenti tieghi disposti jaccettaw l-offerta taghkom "to remove the price of the cutting machine from the total contract price so that therefore this is considered as being out of contract", b'dana ukoll illi mir-rimanenti bilanc li jirrizulta lilkom dovut titnaqqas is-somma ta' €3,101.49 sabiex taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-klijenti tieghi b'konsegwenza tan-nuqqasijiet taghkom" (Dok. "E").*

6. Ir-risposta tas-socjetà Baketeck Supplies & Services Ltd ghad-dokument "D" kienet l-ittra ufficjali tat-18 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha qed tipprova tottjeni titolu ezekuttiv fil-konfront tas-socjetà rikorrenti!

7. Baketech Supplies & Services Ltd. ghalhekk qed tittenta tottjeni titolu ezekuttiv fil-konfront tas-socjetà rikorrenti minkejja li jirrizulta *ictu oculi* li hija inadempjenti fl-obbligi taghha fil-konfront tal-istess socjetà rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

Tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjali *de quo* ai termini tla-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 taht dawk il-provvedimenti u dawk id-direttivi li jidhrilha opportuni.

Rat ir-risposta tas-soċjetà Baketech Supplies & Services Ltd fejn gie eccepit:

Illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2014 hija tat ruha b'notifikata bir-rikors tas-socjetà CaterGroup Limited ipprezentat fis-6 ta' Jannar 2014 ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan ir-rikors sar sabiex tigi sospiza l-esekuzzjoni ta' sitt (6) kambjali li gew annessi mal-ittra ufficjali numru 3861/2013 pprezentata mis-socjetà esponenti Baketech Supplies & Services Ltd fit-18 ta' Dicembru 2013, liema procedura kienet intiza sabiex trendi l-istess kambjali titoli esekuttivi ai termini tal-artikolu tal-ligi fuq imsemmi.

Illi fl-istess seduta din l-Onorabbli Qorti tat il-fakoltà lis-socjetà esponenti sabiex tipprezenta r-risposta taghha ghal dan ir-rikors fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn dakinhar.

Illi s-socjetà esponenti hija tal-fehma illi l-pretensjonijiet dedotti mis-socjetà CaterGroup Limited huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali msemmija ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi preliminarjament u ghal kull bwon fini ghandha tintalab li ssir korrezzjoni fl-okkju u fl-atti kollha relattivi stante illi isem is-socjetà esponenti huwa Baketech Supplies & Services Ltd u mhux Baketeck Supplies & Services Ltd;

2. Illi l-procedura taht l-Artikolu 253(e) hija ferm rigoruza fis-sens illi tipprovdi ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta' kambjala jew ghaliex (i) il-firma fuq dik il-kambjala ma' tkunx verament tal-persuna li allegatament tkun iffirmatha, jew ghaliex (ii) ikun hemm ragunijiet ohra gravi u validi li jiggustifikaw tali sospensjoni;

3. Illi galadarba ma tqajmet l-ebda allegazzjoni dwar il-firem fuq il-kambjali in kwistjoni, huwa car illi dak li qed issostni s-socjetà CaterGroup Limited huwa li skond hi jezistu ragunijiet gravi u serji bizzejjed sabiex din l-Onorabbli Qorti tissospendi l-esekuzzjoni taghhom;

4. Illi fis-succint, dak li qed tghid is-socjetà CaterGroup Limited huwa illi l-fatt li ***skond hi*** s-socjetà rikorrenti naqset mill-obbligu kuntrattwali taghha illi tikkonsenjalha *cutting machine* tal-kwalità pattwita hija raguni gravi u sejra bizzejjed ghall-finijiet ta' din il-procedura.

5. Illi f'dan ir-rigward, gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna, inkluz minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha tas-7 ta' Novembru 2013 ("***Tal-Herba Construction Limited vs SMW Cortis Limited et***" – Rikors Numru. 772/2013AF) illi:

   - *l-awtonomija tal-kambjali hija l-pern tal-istitut, tant illi "Appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li seghtet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m' ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti. Fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi" ("Pool vs Mercieca deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003).*

   - *"Kambjala tohloq l-obbligazzjoni ta' natura partikolari ghaliex hija wahda indipendenti mill-causa obbligationis. Tant hija awtonoma u indipendenti l-azzjoni kambjarja mill-obbligazzjoni li originat min-negozju li ta lok ghall-hrug taghha, li l-ligi stess, tirrestringi l-eccezzjonijiet li setghu jinghataw f'azzjoni ghall-pagament taghha*"

- *"Hija minhabba din l-awtonomija li l-ligi tipprovdi biss ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni f'kaz biss ta' ragunijiet gravi*."

6. Illi fil-kawza fl-ismijiet "***Michael Attard Ltd Vs Turista Ltd Et***" (Rikors Numru 785/2012JRM – deciza fit-22 ta' Novembru 2012) intqal minn din l-Onorabbli Qorti kif gej:

   *"Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu aktar ampji mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Apparti r-rekwizit tal-firma tal-kambjala, kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunjiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note li tkun."*

7. Illi fil-kawza fil-ismijiet "***Zerafa Daniel Pro Et Noe Vs 240 Contracting Limited Gia Allfix Limited"*** (Rikors Numru. 667/2013 JRM – deciza fid-19 ta' Settembru 2013) din l-Onorabbli Qorti rriteniet ukoll illi:

   *"Minn naħa l-oħra, wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-proċedura tirreferi għal titoli eżekuttivi u t-tifsira għall-eċċezzjoni kontra l-eżekutivita' tal-istess titoli ma tridx tkun waħda wiesgħa li ġġib fix-xejn l-effetti ta' titoli bħal dawn. Huwa għalhekk li l-liġi ssemmi raġunijiet "gravi u validi" biex twaqqaf l-eżekutivita' tagħhom, fejn dan jitħalla jsir. It-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwestjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa bil-mod ordinarju għal dak il-għan. Għalhekk, b'eżempju, jidher li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza fuq il-persuna li ġibditha jew jekk tkun saret għal għanijiet li*

*jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu bħala "gravi" biex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa minn qorti. Hekk ukoll hija raġuni tajba għaż-żamma tal-eżekuzzjoni ta' kambjala fejn l-intima bl-ittra ġudizzjarja ssir kontra persuna li ma tidher imkien fuq l-istess kambjala, jew fejn il-kambjala tkun inħarġet bla ma jissemma l-kreditur tagħha."*

8. Illi ghalhekk, dak li qeghda tittenta taghmel is-socjetà CaterGroup Limited permezz tar-rikors taghha, u cioé li tqajjem kwistjonijiet dwar il-*causa obbligationis* li wasslu ghall-hrug tal-kambjali in kwistjoni, ma' ghandux siwi ghall-iskop ta' dawn il-proceduri galadarba dawn il-kwistjonijiet ma' jolqtux il-kambjali nnifishom.

9. Illi anqas m'huwa jigi allegat illi l-istess kambjali huma milquta b'xi vizzju serju bhal hrug bi vjolenza jew b'xi frodi.

10. Illi ghalkemm jidher car illi jezistu divergenzi u pendenzi bejn il-partijiet fir-rigward tal-*causa obligationis*, ma jirrizultax illi hemm ragunijiet ta' dik il-gravità li fi kliem din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta ghandhom ***"jwasslu 'l-Qorti xxellef dik l-awtonomija tal-kambjala intiza biex thaffef il-hlas tal-istess kambjala."***

11. Illi *ciò nonostante*, minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke li kieku din l-Onorabbli Qorti kellha l-kompitu li tistharreg l-mertu tal-*causa obligationis,* l-lamenteli ta' CaterGroup Limited bl-ebda mod ma jistghu jiggustifikaw t-talba taghha ghaz-zamma tal-esekuzzjoni tal-kambjali u dana ghas-segwenti ragunijiet:

- Qabel xejn, kif jidher mill-ittra bonarja tas-7 ta' Awwissu 2013 annessa u mmarkata bhala **Dok BT1**, is-socjetà esponenti diga ghamlitha cara ma' CaterGroup Limited illi l-*cutting machine* in kwistjoni li giet mibjugha u kkonsenjata lilha apparti milli tirraprezenta parti biss mill-bilanc totali dovut lilha, hija tal-kwalita' pattwita u m'ghandha l-ebda difetti u

difatti l-problemi li nqalghu ma' kellhom xejn x'jaqsmu xejn mal-kwalita' tal-makkinarju li gie mibjugh;

- Kif sew jintqal fir-rikors promotur, il-kambjali *de quo* inhargu lis-socjetà esponenti minn CaterGroup Limited b'rabta ma' bejgh ta' *catering equipment* lill-istess socjetà. Dan il-bejgh sar fl-20 ta' Dicembru 2010 (kopja tal-*Letter of Acceptance* iffirmata hija annessa u mmarkata bhaal **Dok BT2**) versu s-somma totali ta' € 427,111.34 (inkluz il-VAT) liema somma giet sussegwentement varjata (kopja tal-*Variation Order* tal-11 ta' Jannar 2011 annessa u mmarkata bhala **Dok BT3**) biz-zieda ta' €10,050.65 (inkluz il-VAT) ohra, ghall-ammont komplessiv ta' €437,161.99 (inkluz il-VAT). Kif jidher mill-*Bill of Quantities* (kopja annessa u mmarkata bhala **Dok BT4),** il-prezz tal-*cutting machine* in kwistjoni huwa dak ta' € 25,797.92 (eskluz il-VAT), jew ahjar, inqas minn sebgha fil-mija (7%) tal-valur tal-kuntratt. Ghas-socjetà CaterGroup Limited l-fatt li ***skond hi*** s-socjetà rikorrenti naqset milli tikkonsenjalha *cutting machine* tal-kwalita' pattwita li tirraprezenta inqas minn 7% tal-valur tal-kuntratt hija raguni gravi u sejra bizzejjed sabiex din l-Onorabbli Qorti tissospendi l-esekuzzjoni ta' sett ta' kambjali (parti minn sett ferm ikbar ta' kambjali li jkopru l-valur tal-kuntratt) li flimkien jammontaw ghal €54,336.48!

Ghaldaqstant premess is-suespost is-socjetà esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tas-socjetà CaterGroup Limited ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni bl-ispejjez kontra taghha sabiex b'hekk l-ittra ufficjali Nru. 3861/13 fl-ismijiet premessi tigi reza esekuttiva skond il-ligi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet lix-xiehda prodotta.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija azzjoni biex intiża twaqqaf l-esekuzzjoni ta' kambjali għall-finijiet tal-proviso tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Is-soċjetà Baketech Supplies & Services Ltd fit-23 ta' Diċembru 2013 innotifikat lis-soċjetà CaterGroup Ltd b'ittra uffiċjali datata 18 ta' Diċembru 2013**[1] **sabiex tirrendi esegwibbli sitt (6) kambjali datati 15 ta' Diċembru 2010 li kienu jimmaturaw għall-ħlas kif ġej:**

| | | |
|---|---|---|
| Kambjala Nru 27: | €10,291 | 15 ta' Ġunju 2013 |
| Kambjala Nru 28: | €10,291 | 15 ta' Lulju 2013 |
| Kambjala Nru 29: | €10,291 | 15 ta' Awwissu 2013 |
| Kambjala Nru 30: | €10,291 | 15 ta' Settembru 2013 |
| Kambjala Nru 31: | €10,291 | 15 ta' Ottubru 2013 |
| Kambjala Nru 32: | € 2,881.48 | 15 ta' Novembru 2013 |

**Catergroup Ltd da parti tagħha intavolat dan ir-rikors odjern sabiex ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 topponi għall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali.** Hija tispjega li l-kambjali kienu inħarġu a favur tas-soċjetà Baketech Supplies & Services Ltd b'rabta ma' bejgħ ta' *catering equipment* mibjugħ mill-istess Baketech Supplies & Services Ltd lilha. Tilmenta li l-*catering equipment* kien jinkludi *cutting machine* li kellha diversi problemi u liema problemi kienu ġew rikonoxxuti mis-soċjetà Baketech Supplies & Services Ltd. Tispjega li oriġinarjament Baketech Supplies & Services Ltd kienet obbligat ruħha li tipprovdilha *cutting machine* oħra[2], imbagħad ipproponiet li tneħħi l-prezz tal-*cutting machine* mill-

[1] Ittra Uffiċjali li biha s-soċjeta CaterGroup ġiet interpellata biex tħallas l-ammont ta' **€54,336.48** rappreżentanti bilanċ ta' import ta' sitt kambjali

[2] Ara emails Dok B, fol 7

prezz totali tal-kuntratt[3], iżda hija (CaterGroup) baqgħet tinsisti fuq il-konsenja ta' *cutting machine*[4] u għalkemm permezz ta' ittra legali datata 24 ta' Ottubru 2013[5] aċċettat bla preġudizzju li jitnaqqas il-prezz tagħha mill-prezz totali tal-kuntratt insistiet ukoll li mir-rimanenti bilanċ titnaqqas is-somma ta' €3,101.49 sabiex tagħmel tajjeb għad-danni sofferti minnha. Iżda in segwitu għal tali ittra, is-soċjetà Baketech Supplies & Services Ltd bagħtet l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Diċembru 2013 sabiex tottjeni t-titolu esekuttiv kontra s-soċjetà CaterGroup.

**Baketech Supplies & Services Ltd irrispondiet għar-rikors tas-soċjetà CaterGroup fejn qalet li l-pretenzjonijiet tagħha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li t-talba għas-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali għandha tiġi miċħuda.** Hija ssostni li l-proċedura taħt l-Artikolu 253(e) li tipprovdi għas-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala hija waħda ferm rigoruża u applikabbli biss:

(i) meta l-firma fuq il-kambjala ma tkunx verament tal-persuna li allegatament iffirmatha (li mhux il-każ), jew

(ii) meta jkun hemm raġunijiet oħra gravi u validi li jiġġustifikaw tali sospenzjoni.

Baketech Supplies & Services Ltd tissottometti li għalkemm effettivament jeżistu diverġenzi u pendenzi bejn il-kontendenti fir-rigward tal-*causa obligationis* ma jammontawx għal raġunijiet ta' tali gravità li jwasslu biex ixellfu l-awtonomija tal-kambjala intiża biex tħaffef il-ħlas tal-istess kambjala. Taċċenna wkoll għall-fatt li l-*cake cutting machine* in kwistjoni (kif indikat mill-Bill of Quantities[6]) tiswa €25,797.92 (eskluż il-

---

[3] Ara email tat-08.07.2013 mibgħuta minn Marthese Bellizzi (Baketech), Dok C, fol 9-10

[4] Ara ittra legali datata 15.07.2013 mibgħuta lil Baketech, Dok D, fol 11

[5] Ittra legali datata 24.10.2013 mibgħuta minn CaterGroup lil Baketech Supplies & Services Ltd

[6] Bill of Quantities, Dok BT4, fol 30

VAT) filwaqt li l-kambjali li tagħhom qegħda tintalab is-sospenzjoni għandhom valur ta' €54,336.48.

Din il-Qorti tinnota fl-ewwel lok li fil-mori tal-kawża sar u ġie aċċettat il-ħlas dovut fuq il-kambjali numru 27, 28 u 32 fl-ammont ta' €23,463.48. Fil-fatt is-soċjetà Baketech Supplies & Services Ltd fid-9 ta' Ottubru 2014[7] ippreżentat nota li permezz tagħha irriduċiet is-sorte minn €54,336.48 għal **€30,873** (rappreżentanti l-kambjali 29, 30 u 31 li baqgħu ma ġewx imħallsa). **Dan l-ammont tat-tlett kambjali li għadhom pendenti, bejn wieħed u ieħor joqrob lejn il-valur tal-magna in kwistjoni (€25,797.92) + 18% VAT (€4643.63) = €30,441.55**

Is-soċjetà Baketech żammet ferm fuq l-ispejjeż u l-imgħaxijiet b'dan però li fir-rigward tat-tlett kambjali li tħallsu l-imgħaxijiet fuqhom għandu jiddekorri mid-data tal-iskadenza relattiva tagħhom sal-14 ta' Lulju 2014.

Għalhekk ir-rikors odjern għas-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali issa jirrigwarda biss il-kambjali 29, 30, u 31 ammontanti għal €30,873 (€10,291 kull waħda).

Ikkunsidrat illi fil-kuntest tal-awtonomija o meno tal-kambjala mill-*causa obligationis* fl-*actio cambiaria*, is-soċjetà CaterGroup fis-sottomissjonijiet tagħha ssostni li meta, bħal f'dan il-każ, il-kambjala ma tkunx ġirata, l-obbligazzjonijiet reċiproċi tal-partijiet jibqgħu rilevanti. Hija tirreferi għad-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża Bank of Valletta p.l.c. vs Carmel Ray Micallef[8] fejn il-Qorti ddistingwiet bejn kambjala li tkun ġirata u kambjala li tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri. Effettivament kienet qed tirreferi għal deċiżjoni tagħha stess fil-kawża mogħtija sena qabel fl-ismijiet John Giordmaina et vs Joseph Pace[9], fejn kienet qalet illi sabiex kambjala tassumi eżistenza awtonoma mill-obbligazzjoni

---

[7] Nota ta' Baketech Supplies & Services Ltd, fol 36

[8] Bank of Valletta p.l.c. vs Carmel Ray Micallef, 18.02.2004, Prim' Awla, TM

[9] John Giordmaina et vs Joseph Pace, 16.01.2003, Prim' Awla. TM

oriġinali li tat lok għalilha, din trid tkun ġirata favur terzi:

> *"…meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioè ma tiġix ġirata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun ġirata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li joħroġ u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu magħruf, ma toħloqx novazzjoni, meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tiġi distakkata mill-obbligazzjoni originali... "*

Il-Qorti b'dik is-sentenza irriferiet għall-Artikoli 197 u 198 tal-Kodiċi Kummerċjali (Kap 13) fejn il-liġi tiddistingwi bejn l-eċċezzjonijiet li jistgħu jitressqu f'azzjoni kambjarja meta l-kambjala tkun ġirata u meta ma tkunx:

> *"197. L-eċċezzjonijiet li huma persunali għall-ġiranti ma jistgħux jingħataw kontra l-pussessur ta' kambjala.*
>
> *198. (1) L-eċċezzjonijiet li huma persunali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja.*
>
> *(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma."*

Hija ddistingwiet bejn il-"fażi kuntrattwali" – meta l-kambjala ma tkunx ġirata - u l-"fażi kambjarja" – meta tkun ġirata:

> *"Fi kliem ieħor, jekk kambjala tkun ġirata mill-ewwel benefiċjarju (payee) li hekk isir ġiranti, favur terz pussessur, u dan it-terz pussessur jiftaħ azzjoni kambjarja kontra t-traent, it-traent-konvenut ma jistax jagħti kontra l-pussessur-attur eċċezzjonijiet li huma personali għall-ġiranti. Ir-raġuni hija ovvja: bejn it-*

*traent u l-pussessur ma hemmx relazzjoni kuntrattwali, iżda biss relazzjoni kambjarja. Dan ifisser, contrario sensu, li eċċezzjonijiet personali għall-pussessur (u mhux personali għall-ġiranti biss) jistgħu jingħataw. Fi kliem ieħor, jekk il-kambjala ma tkunx ġirata (u għalhekk tkun għadha fil-fażi kuntrattwali u ma tkunx daħlet fil-fażi kambjarja) it-traent-konvenut jista' jagħti kontra l-benefiċjarju-attur eċċezzjonijiet personali għalih."*

Iżda anke jekk il-liġi tiddistingwi bejn kambjali li ġew ġirati u kambjali li jkunu għadhom fil-pussess tal-kredituri tal-obbligazzjoni, l-istess liġi **tillimita sew** l-eċċezzjonijiet li jistgħu jitressqu. F'Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe[10], il-Qorti tal-Kummerċ iddistingwiet bejn l-obbligazzjoni "*ad hoc*" li toħroġ mill-kambjala nnifisha u l-obbligazzjoni li setgħet ippreċedietha:

*"Illi r-raġuni ġuridika tal-prinċipju bażiku li eċċezzjonijiet li jinħtieġu indaġini fit-tul ma jiġux ikkonsiderati f'azzjoni kambjarja, toħroġ mill-fatt li, appena kambjala tiġi ammessa, tiġi kkreata obbligazzjoni "ad hoc", għal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setgħet ippreċedietha. Għalhekk f'kawża bħal din, l-eċċezzjonijiet ammissibbli huma ġeneralment limitati għall-kambjala nnifisha u bħala regola m'għandhomx jiġu permessi eċċezzjonijiet li jikkonċernaw obbligazzjonijiet preċedenti."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Hija (b'riferenza għall-Artikolu 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ – Kap 13) irriteniet li huwa evidenti li l-leġislatur jrid li kawżi bbażati fuq kambjali jitmexxew u **jiġu deċiżi b'ħeffa insolita** u għalhekk huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li ma jinħtiġux eżami fit-tul:

*"Huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċli soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul ma*

[10] Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe, 15.11.1993, Q tal-Kummerċ, JDC

*jistgħux jingħataw u jekk dawn jingħataw dawn ma jiġux ikkonsiderati u deċiżi fl-istess kawża kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas tal-import tal-kambjali jkun konsiderevolment ittardat u mtawwal. Dan mhux permess għax altrimenti jintilef l-iskop kollu tal-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi mgħaġġla tal-krediti kummerċjali."*

Hekk ukoll fil-kawża Adrian Busietta noe vs Marco Attard[11] il-Qorti tal-Appell irriteniet illi:

*"Tant hija awtonoma u indipendenti l-azzjoni kambjarja mill-obbligazzjoni li oriġinat min-negozju li ta lok għall-ħruġ tagħha, li l-ligi stess, tirrestrinġi l-eċċezzjonijiet li setgħu jingħataw f'azzjoni għall-pagament tagħha."*

Il-limitazzjoni fuq l-awtonomija tal-kambjali (ukoll dawk mhux ġirati) tidher li tapplika wkoll f'sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 253(e).

Din l-istess Qorti, kif preseduta, fis-deċiżjoni tagħha fil-kawża fl-ismijiet Tal-Herba Construction Ltd vs SMW Cortis Ltd et[12] irriteniet illi:

*"Hija minħabba din l-awtonomija li l-liġi tipprovdi biss għas-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni f' każ biss ta' raġunijiet gravi. Fil-każ in eżami, għalkemm il-Qorti tifhem li jistgħu jeżistu pendenzi oħra bejn il-kontendenti, ma jirriżultawx illi hemm raġunijiet ta' dik il-gravità li jwassu 'l Qorti xxellef dik l-awtonomija tal-kambjala intiża biex tħaffef il-ħlas tal-istess kambjala."*

Fil-kawża Daniel Zerafa pen vs 240 Contracting Ltd gia Allfix Ltd[13], din il-Qorti diversament preseduta kkunsidrat x'jista

[11] Adrian Busietta noe vs Marco Attard, 09.02.2001, App. Superjuri

[12] Tal-Herba Construction Ltd vs SMW Cortis Ltd et, 07.11.2013, Prim' Awla, AF
[13] Daniel Zerafa pro et nomine vs 240 Contracting Ltd gia Allfix Ltd, 19.09.2013, Prim' Awla, JRM

jikkwalifika bħala raġunijiet "gravi u validi" biex titwaqqaf l-esekuzzjoni tal-kambjali taħt l-Artikolu 253(e):

*"…wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-proċedura tirreferi għal titoli eżekuttivi u t-tifsira għall-eċċezzjoni kontra l-eżekuttività tal-istess titoli ma tridx tkun waħda wiesgħa li ġġib fix-xejn l-effetti ta' titoli bħal dawn. Huwa għalhekk li l-liġi ssemmi raġunijiet "gravi u validi" biex twaqqaf l-eżekutivita` tagħhom, fejn dan jitħalla jsir. It-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwistjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa bil-mod ordinarju għal dak il-għan. Għalhekk, per eżempju, jidher li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza fuq il-persuna li ġibditha jew jekk tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu bħala "gravi" biex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa minn qorti. Hekk ukoll hija raġuni tajba għaż-żamma tal-eżekuzzjoni ta' kambjala fejn l-intima bl-ittra ġudizzjarja ssir kontra persuna li ma tidher imkien fuq l-istess kambjala, jew fejn il-kambjala tkun inħarġet bla ma jissemma l-kreditur tagħha."*

Ukoll fir-rigward tar-raġunijiet "gravi u validi" li jsemmi l-Artikollu 253(e), din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi, kawża li kienet tirrigwarda l-allegazzjoni tal-użura, qalet hekk:

*"Il-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonalment għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet ikollha quddiemha l-Qorti għandha tilqa' t-talba jew le. Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid*

*tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni".*

*Iżda minn naħa l-oħra l-leġislatur ma eliminax ir-riċerka li ssir f'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ, iżda l-Artikolu 253(e) u l-proviso tiegħu ġie reż bħala proċedura (prima facie) diskrezzjonali f' idejn il-Qorti, bażat naturalment fuq raġunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-liġi ma jinstab il-kliem prima facie iżda kien ikun bla sens li l-Qorti tidħol fid-dettalji kollha tal-proċeduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proċeduri ma ġewx eliminati mil-leġislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni ġusta tal-liġi tittieħed f' dan is-sens."*[14]

Dwar il-*cutting machine*, Kenneth Cutajar[15] (Human Resources Manager tas-soċjetà Catergroup) fis-xiehda tiegħu spjega li l-magna in kwistjoni:

"*bdiet tagħtina l-problemi mill-ewwel u kienet qed tirvina x-xogħol….Baketech kienu qablu li ħa jirrimpjazzaw il-magna u sakemm tasal magna ġdida kienu offrewlna l-użu ta' magna oħra….Illum għandi ngħid li għadni bla magna u l-cakes għadhom qed jitqattgħu bl-idejn bil-konsegwenzi kollha tagħha cioè ħela ta' iktar żmien u nuqqas ta' preċiżjoni. Din il-magna baqgħet ma waslet qatt sa llum*."

Nazzareno Vassallo[16] (Chairman ta' Catergroup Ltd) fix-xiehda tiegħu spjega li:

"*Kien hemm diversi problem f'dik li aħna nsejħulha cake cutter. Baketech kienu aċċettaw li jirriplejsjawha għax kienet difettuża. Dejjem jgħidu li se jġibuha u din ma waslet qatt. Għadha ma waslitx sa llum*."

Kontro-eżaminat qal li kienu ingħataw magna *second hand* biex jinqdew biha.

---

[14] Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi, 05.02.2008, Prim' Awla, LFS

[15] Xiehda ta' Kenneth Cutajar tad-09.10.2014, fol 37-38

[16] Xiehda ta' Nazzareno Vassallo tal-20.01.2015, fol 57-58

Skont ma jirriżulta mill-iskambju ta' e-mails tat-8/9 ta' Jannar 2013[17] bejn Kenneth Cutajar (CaterGroup) u Joe Portelli (Baketech) wieħed jifhem li l-*cutting machine* kienet ser tiġi mibdula u kienet ser tasal għall-ħabta ta' Frar ta' dik is-sena. Kenneth Cutajar qal:

> "*Cutting machine not functioning as agreed awaiting replacement with a new one in February*.",

u Joe Portelli irrisponda:

> "*The machine is on schedule.*"

Imbagħad fl-e-mail tat-8 ta' Lulju 2013[18] Martha Bellizzi (Baketech) qalet:

> "*we are assuming that your intention is to remove the price of the cutting machine from the total contract price so that therefore this is considered as being out of the contract. We accept that the price of such machine only is deducted from the total contract price so that you would have no obligation to pay for such machine and we would have no obligation to deliver it…..the price of the cutting machine is to be deducted from the last bills of exchange*"[19].

CaterGroup da parti tagħha irrispondiet b'ittra legali datata 15 ta' Lulju 2013[20] fejn baqgħet issostni li dan ma kienx dak li riedu:

> "*Hija l-ferma intenzjoni tal-klijenti tiegħi li s-soċjetà tagħhom tonora l-obbligu kontrattwali tagħha u tikkonsenjalhom il-cutting machine skont il-ftehim.*"

---

[17] Fol 7

[18] Fol 9/10

[19] Ara email ta' Martha Bellizzi, datata 08.07.2013

[20] Fol 11

Baketech imbagħad irrispondiet permezz ta' ittra legali datata 7 ta' Awwissu 2013[21] fejn qalet li kienet qed tagħmilha ċara li l-*cutting machine* kienet diġa ġiet ikkonsenjata, u hija tal-kwalità pattwita u m'għandha l-ebda difetti. Għalhekk insistiet li sad-19 ta' Awwissu 2013 jitħallsu l-kambjali li mmaturaw sa tali data, titħallas is-somma ta' €5,958.43 rappreżentanti xogħlijiet/servizzi mogħtija minnha u disbursements, u tiġi ritornata r-replacement temporanja tal-magna.

Fl-24 ta' Ottubru 2013[22] CaterGroup bagħtet ittra legali lil Baketech fejn irriferiet għall-email tal-8 ta' Lulju 2013, u qalet li in vista taċ-ċirkostanzi, fejn il-*cutting machine* li suppost ġiet mibdula fil-fatt baqgħet ma ġietx mibdula, hija kienet dispost taċċetta l-offerta *"to remove the price of the cutting machine from the total contrct price so that therefore this is considered as being out of the contract"* però insistiet li mir-rimanenti bilanċ titnaqqas is-somma ta' €3,101.49 biex tagħmel tajjeb għad-danni.

Jidher però li Baketech baqgħet iżżomm ferm mal-kontenut tal-ittra legali tagħha tas-7 ta' Awwissu 2013 u għalhekk għaddiet biex tesegwixxi l-kambjali.

Din il-Qorti wara li qieset il-ġurisprudenza rilevanti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ ma jidhriliex li teżisti raġuni "gravi u valida" li tiġġustifika s-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni.

Jibqa' bla mittiefes kull dritt li jista' jkollha s-socjetà intimata fir-rigward tal-magna difettuza, dwar liema dritt din il-Qorti m'hijiex ser tippronunzja ruhha.

Din il-Qorti tqis li l-kambjali in kwistjoni jidhru li inħarġu validament u regolarment, mingħajr vjolenza, mingħajr xi għan illegali; għaldaqstant fil-fehma ta' din il-qorti għandhom jiġu esegwiti.

---

[21] Fol 24

[22] Ara ittra legali datata 24.10.2013 mibgħuta minn CaterGroup lil Baketech.

Għal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

Tiċħad it-talba tas-soċjetà CaterGroup Ltd u tordna lill-istess soċjetà rikorrenti esekutata tħallas l-ispejjeż ta' din il-proċedura.

IMHALLEF

DEP/REG